**L-I*SPEAKER* LOUIS GALEA JATTENDI KONFERENZA TAL-COMMONWEALTH FL-INDJA**

*Speakers* minn sebgħa u tletin pajjiż tal-Commonwealth qed jiltaqgħu fi New Delhi, l-Indja, fil-Konferenza tal-i*Speakers* tal-Commonwealth. L-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati, Dr Louis Galea, flimkien mal-Iskrivan tal-Kamra, Miss Pauline Abela, qed jieħdu sehem f'isem il-Parlament Malti.
Il-Konferenza ġiet inawgurata l-bieraħ mill-Prim Ministru tal-Indja, Dr Manmohan Singh. L-i*Speaker* tal-Lok Sabha (il-Kamra tad-Deputati tal-Poplu), Meira Kumar, qed tippresiedi l-Konferenza. Din hi l-għoxrin darba li qed tiltaqa' l-Konferenza minn meta twaqqfet fl-1969, u hija t-tielet darba li qed tiġi ospitata mill-i*Speaker* tal-Indja.

Il-Konferenza qed tiddiskuti tliet suġġetti : L-irwol tal-i*Speaker* bħala medjatur; L-użu tat-teknoloġija fil-ħidma tal-Parlament; u L-irwol tal-i*Speaker* fl-amministrazzjoni tal-Parlament.

L-iskop tal-Konferenza, li tiltaqa' kull sentejn, hu li tippromwovi l-għarfien u l-iżvilupp ta' demokrazija u istituzzjonijiet parlamentari kif ukoll il-valuri tal-imparzjalità u l-*fairness* fil-ħidma tal-i*Speakers*.

**DOI – 07.01.2010**